TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 69/15-F

**Anthony Fenech**
**vs**
**Alu Care Mosta Ltd.**

Illum 17 ta' Novembru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-6 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija, disgħa u sittin ewro (€569), rappreżentanti xogħol ta' l-aluminium illi wara li twaħħal beda jidħol l-ilma tax-xita.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi kien ordna xogħol ta' aluminium mingħand is-soċjeta' intimata liema xogħol kien difettuż għax kien jidħol l-ilma tax-xita minnu. Għalhekk qed jitlob illi jiġi rimpjazzat ix-xogħol kollu mill-ġdid billi jiġi rifuż il-flus kollha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, m'attendiex għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota illi sal-ħin tas-seduta l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub għal din it-talba.

Għaldaqstant it-Tribunal, jinnota illi din it-tip ta' sitwazzjoni tista' tittranġa u m'hemmx bżonn li jieħu l-flus kollha lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tliet mitt ewro (€300), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888